MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 344/2003

**Emmanuel Vella & Sons Ltd**

**Vs**

**Eurochemie Products Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill dik attrici s-somma ta' Lm2550 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus li ghadha dovuta in konnessjoni ma diversi servizzi rezi mill-istess socjeta attrici favur u fuq inkariku tas-socjeta konvenuta, liema ammont baqa ma thallasx nonostante li l-kontendenti kienu waslu ftehim fuq 'repayment programme'.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 2408/02 datat 19 ta' Novembru 2002 u bl-interessi skond

il-ligi dekoribbli mid-data ta' kull inkariku debitament esegwit kontra s-socjeta konvenuta li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2003 (fol 8 tal-atti) u dik tal-21 ta' Jannar 2004.

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda tal-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, moghtija llum stess jirrisulta li l-ammont specifikat fl-avviz in esami ghadu dovut sallum u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motifvi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2550 bl-imghax legali mid-19 ta' Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2408/02 datat id-19 ta' Novembru 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------